MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru. 763/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**
**KONTRA**

**MALCOLM AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Malcolm Azzopardi ta’ 37 sena, bin Francis u Josephine nee’ Attard, mwieled Attard fis- 27 ta’ Frar 1972, residenti Duylyn, Triq Bontadini, B’ Kara u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 121872(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 14 ta' Dicembru 2009, ghall- habta tas-18.15hrs gewwa Triq Notabile, B' Kara u f' inhawi ohra f' Malta;

1) ikkommetta serq ta' propjeta' tal- vettura bin-numru tar- registrazzjoni HAC 995 ghad- dannu ta' Peter Debattista li ghandu numru tal- karta tal- Identita' bin-numru 395066M liema serq hu aggravat bil- valur ta' aktar minn €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.37 ai terminu tal- Artikolu 267 u 271 (g);
2) ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor vettura HAC 995 liema hsra ma tiskorrix l- €1,164.69 imma ta' izjed minn €116.47 ghad- dannu ta' Peter Debattista li ghandu numru tal- karta tal- Identita' 395066(M) u terzi persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jirrikonsidra, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 267, 271(g) u 325 tal- Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' tlett mija u erbghin ewro (€340) fi zmien xahar, lil Peter Debattista, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------